**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Gunju, 2016

Rikors Guramentat numru : 90/14 AL

A B

vs

C D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni flimkien barra z-zwieg li minnha twieldet il-minuri K B fl-ghoxrin (20) ta' Awissu tas-sena elfejn u hdax (2011) u dan skont ma jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid, immarkat bhala Dokument CR 1;
2. Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet intemmet u huma kellhom arrangement bejniethom li permezz tieghu l-esponenti kien jara lil bintu kuljum mill-erbgha neqsin kwart (15:45) sat-tmienja u nofs (20:30);

3. Illi l-esponenti dejjem ha hsieb li l-minuri ma jonqosha xejn u kien hu li kien dejjem ihallas ghal kull ma kienet titolbu l-intimata;
4. Illi darba fost l-ohrajn, l-intimata kienet arbitrarjament iddecidiet li ma turix il-minuri aktar lill-esponenti u dana minghajr ebda raguni valida fil-ligi;
5. Illi l-esponenti jaf li l-intimata ma ghandhiex ghall-qalba l-ahjar interessi tal-minuri u dana peress li hi mohhha biss biex timpika u tuza lill-minuri sabiex tiehu kemm tiflah flus minghand l-esponenti;
6. Illi wara sensiela ta' rikorsi mimlija b'allegazzjonijiet foloz, din il-Qorti kienet ippronunzjat ruhha dwar manteniment, access u kura u kustodja;
7. Illi ic-cirkostanzi tal-partijiet huma tali li mhuwiex fl-ahjar interess tat-tifla li tibqa tirresjedi ma ommha izda tkun aktar fl-interess taghha li tirresjedi mal-esponenti u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
8. Illi l-intimata ghamlet minn kollox sabiex il-partijiet ma jaslux ghal ftehim bonarju permezz ta' kuntratt flimkien tramite l-pika qawwija taghha li baqghet sal-ahhar tirrifjuta li zzid l-access tal-esponenti ghall-minuri, u dana nonostante d-diversi u hafna tentattivi tal-medjatrici sabiex il-partijiet jaslu;
9. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;
10. Illi r-rikorrenti talab u ottjena l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex jipprocedi f'din l-istanza kontra l-intimata, skont kif jirrizulta mill-anness dokument mmarkat bhala Dokument CR2;

Talab ghar-ragunijiet premessi li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tafda lir-rikorrenti l-kura u kustodja eskussiva tal-minuri K B, salv l-access tal-intimata ghall-istess bint minuri;
2. Takkorda access a favur l-intimata, b'dana li l-intimata ghandha tigbor lill-minuri mir-residenza ta' l-esponenti u terga tirritornaha hemmhekk wara l-access b'dana illi waqt l-isleepover dejjem irid ikun hemm l-intimata prezenti fejn isir l-isleepover u l-isleepover issir fir-residenza tan-nanna materna;

3. Takkorda access a favur l-intimata fil-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-sena u f'jum l-omm;
4. Tikkundanna lill-intimata sabiex thallas lir-rikorrenti manteniment adegwat li jirrifletti l-bzonnijiet ta' binthom K B, f'ammont ta' mhux inqas minn mitejn u tletin ewro (€230) kull erbgha (4) gimghat, oltre nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha, b'dana pero' li l-obbligu tal-intimata li tipprovdi l-manteniment jibqa sa meta l-minuri jaghlaq l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jekk it-tifel ikun qed jippartecipa f'edukazzjoni, tahrig jew taghlim full time u ma jkunx ragonevolment possibbli ghat-tifla li tmantni lilha nnifsha kif xieraq. Tali manteniment jieqaf sal-eta ta' tmintax (18) il-sena jekk il-minuri ma jibqax jistudja u jsib impjieg full-time u dana skont il-ligi vigenti fid-data li tinghata din is-sentenza;
5. Tordna lill-intimata sabiex taghmel il-pagament tal-manteniment kull erbgha (4) gimghat lill-esponenti permezz ta' cheque;
6. Tordna li kwalunkwe *children allowance* u beneficcji ohra rigwardanti l-minuri ghandu jircevihom r-rikorrenti;
7. Tordna li l-passaport tal-minuri ghandu jinzamm mill-esponenti;
8. Taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-wild minuri fosthom izda mhux limitatament dwar kif ghandu jigi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet edukattivi ohra u extra-kurrikulari;

Bl-ispejjez kontra l-intimata, li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni u b'riserva ghal kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha eccepiet:

1. Illi l-esponenti qeghda toggezjona li l-kura u l-kustodja tkun fdata esklussivament lil A B meta hija l-esponenti li qeghda tiehu hsieb lill-minuri K B anke tenut kont tal-fatt li ma tahdimx;

2. Illi hija impossibbli sabiex l-esponenti tigbor lill-minuri anke tenut kont il-fatt li ma ghandhiex vettura;
3. Illi din it-talba ghandha tapplika ghar-rikorrenti u mhux ghall-esponenti;
4. Illi huwa r-rikorrenti li jahdem u jaqla paga tajba anke tenut kont tal-fatt li l-esponenti ma tahdimx u ghandu jikkontribwixxi ukoll ghall-edukazzjoni u ghas-sahha tal-minuri;
5. Illi l-hames talba ghandha tapplika ghar-rikorrenti u mhux ghall-esponenti;
6. Illi din it-talba ghandha tigi michuda ghax l-omm ghandha bzonn ic-children’s allowance;
7. Illi l-esponenti ma taqbilx li l-passaporti ghandhom jinzammu mill-missier imma mill-esponenti;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat il-verbal taghha tat-30 ta’ April 2015 li permezz tieghu l-partijiet assistiti qablu illi l-provi kollha illi nstemghu fil-kawza, Rikors Guramentat numru 90/14 ikunu japplikaw u jaghmlu stat ta’ prova fil-kawza Rikors Guramentat numru 115/14 u vici versa;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat l-atti kollha tal-kawza Rikors Guramentat 90/2014, inkluz ir-rapport tal-Avukat tat-tfal, liema kawza qieghda ukoll tigi deciza llum.

**Kunsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

Illi l-Qorti taghmel ampja referenza ghas-sentenza moghtija llum fil-kawza numru 115/2014AL fl-ismijiet inversi, u taddotta fl-intier taghhom l-osservazzjonijiet u l-konkluzzjonijiet raggjunti minn din il-Qorti f' dik is-sentenza.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tichad it-talbiet kollha ghar-ragunijiet kollha msemmija fis-sentenza illi nghatat illum fil-kawza fl-ismijiet inversi, Rikors Guramentat numru 115/2014AL .

Kull parti thallas l-ispejjez taghha.